**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IS-SITT SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa**

**Isem** ____________________ **Klassi** ______

## A. Agħmel salib (X) ħdejn it-tweġiba t-tajba. (10 marki)



**Eżempju:**

Il-festa tat-twelid ta' Ġesù hi

| | | |
|---|---|---|
| a) | l-Għid. | |
| b) | l-Milied. | X |
| ċ) | l-Istrina. | |

1. Ġesù twieled

| | | |
|---|---|---|
| a) | f'Kafarnahum. | |
| b) | f'Nażaret. | |
| ċ) | f'Betlehem. | |

2. Ġesù ġie fid-dinja

| | | |
|---|---|---|
| a) | bħala tarbija. | |
| b) | bħala suldat. | |
| ċ) | bħala ragħaj. | |

3. Fil-25 ta' Diċembru kienu jagħmlu l-festa

| | | |
|---|---|---|
| a) | tal-ħrief. | |
| b) | tal-qamar. | |
| ċ) | tax-xemx. | |

4. Ir-rgħajja saru jafu li twieled Ġesù

| | | |
|---|---|---|
| a) | minn Erodi. | |
| b) | minn kewkba kbira. | |
| ċ) | mill-anġli. | |

5. Ġesù mhux biss bniedem imma huwa ukoll

| | | |
|---|---|---|
| a) | Alla. | |
| b) | suldat. | |
| ċ) | anġlu. | |

6. Ġesù ġie

| | | |
|---|---|---|
| a) | għal-Lhud biss. | |
| b) | għall-bnedmin kollha. | |
| ċ) | għall-qaddisin biss. | |



7. Il-maġi taw lil Ġesù

| | | |
|---|---|---|
| a) | deheb, inċens u mirra. | |
| b) | fidda, djamanti u deheb. | |
| ċ) | ġugarelli, ħwejjeġ u ħrieqi. | |

8. Fil-lejl tal-Milied, l-anġli kantaw

| | | |
|---|---|---|
| a) | glorja lil Alla u ferħ lill-insara. | |
| b) | glorja lil Alla u ferħ lil min jaħdem. | |
| ċ) | glorja lil Alla u paċi lill-bnedmin. | |

9. Illum Ġesù jrid juri lilu nnifsu permezz

| | | |
|---|---|---|
| a) | ta' l-insara. | |
| b) | tal-mirakli. | |
| ċ) | tad-dawl. | |

10. Dawk li jmorru jgħallmu fuq Ġesù f'pajjiżi 'l bogħod insejħulhom

| | | |
|---|---|---|
| a) | klandestini. | |
| b) | emigranti. | |
| ċ) | missjunarji. | |

## B. Aqta' ż-żewġ kelmiet li ma jaqblux f'dawn is-sentenzi. (10 marki)



**Eżempju:**

Fil-knisja nsibu (~~karozzi,~~ ~~ġugarelli~~, Kurċifiss).

1. Fil-knisja nsibu (l-murtali, t-tabernaklu, l-karozzini).
2. Il-mexxej tal-Knisja huwa (l-Papa, katekist, patri).
3. Ġesù ried li l-Knisja tkun (sinjura, qaddisa, impittra).
4. Il-Knisja ta' Ġesù hija (appostolika, parroċċa, katidral).
5. Bħala membri tal-Knisja rridu (ngħiru, ngħinu, niġġieldu).

## Ċ. Kompli s-sentenzi billi tagħżel ħamsa minn dawn. (5 marki)



| * ~~li l-Maltin kienu jqimu u jfaħħru lil xi alla~~ | |
|---|---|
| nagħtu l-ikbar qima lil Alla | jitlob bil-qalb, fil-ġabra u fil-kwiet |
| fit-tempju ta' Ġerusalemm | naraw kemm iħobb lilna u lill-bnedmin kollha |
| nħarsu lejn il-ħolqien | nħobbuh |

**Eżempju:** It-tempji ta' Ħaġar Qim juruna * **li l-Maltin kienu jqimu u jfaħħru lil xi alla.**

1. Aħna naraw kemm hu kbir Alla meta ________________________________________.
2. Aħna naraw kemm Alla hu qaddis u tajjeb meta ______________________________ ________________________________________.
3. Lil Alla rridu nqimuh u nuru li ____________________________________________.
4. Min veru jqim lil Alla ___________________________________________________.
5. Fil-quddiesa ___________________________________________________________.

## D. Aqra din l-istorja dwar San Pawl u imla l-vojt. (10 marki)

San Pawl kien sejjer **Ruma** biex jidher quddiem Ċesari. Malli telqu minn Kreta, qamet _______________ kbira. San Pawl deherlu anġlu u dan qallu li ______________ ma kien se jmut. Huma kellhom jaħbtu ma' gżira. Hekk ġara. U dik il-gżira kienet _______________. Il-Maltin laqgħu lil San Pawl tajjeb ħafna. Huma ħadu ħsiebu billi qabbdu _______________ u tawh dak kollu li kellu bżonn. San Pawl ukoll ħabb lill-Maltin. Hu fejjaq lill-_______________ tagħhom u għallimhom fuq _______________. Qabel telaq għażel lil _______________ biex ikun l-ewwel isqof ta' Malta. Aħna l-Maltin kburin b'din il-ġrajja li tinsab miktuba fl-Atti ta' l-_______________. Aħna kburin ukoll li għadna nsara sal-lum. Aħna nfakkru din il-ġrajja kull sena fi ______________. Dak in-nhar nisimgħu l-quddies u nerġgħu niftakru fil-_______________ li ġabilna San Pawl.



## E. Aqra dawn is-sentenzi dwar il-magħmudija u aqta' sing taħt it-tajba.

**(10 marki)**

**Eżempju:**

Ġesù ried li jitgħammed fix-xmara
- a) Nil.
- b) **<u>Ġordan.</u>**
- ċ) Thames.
- d) Tevere.

1. Fil-magħmudija missier it-tarbija jixgħel
   - a) il-blandun.
   - b) il-lampier.
   - ċ) ix-xemgħa.
   - d) il-ġamar taċ-ċensier.

2. Fil-magħmudija l-ġenituri jagħtuna
   - a) ċertifikat tat-twelid.
   - b) kunjom.
   - ċ) numru tal-identità.
   - d) isem.



3. L-ilma tal-magħmudija jkun fih
   - a) il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.
   - b) il-balzmu tal-Griżma.
   - ċ) l-inbid tal-quddiesa.
   - d) ħafna qtar tal-fwieħa.

4. Bil-magħmudija nsiru
   - a) ulied tal-ġenituri tagħna.
   - b) ċittadini.
   - ċ) ulied Alla.
   - d) tfal intelliġenti.

5. Il-magħmudija tneħħi
   - a) t-tbajja'.
   - b) l-kastigi.
   - ċ) d-dnub tan-nisel.
   - d) l-mard.

6. Bil-magħmudija nidħlu
   - a) fil-quddiesa.
   - b) fl-iskola.
   - ċ) fil-Ġenna.
   - d) fil-familja t'Alla.

7. Fil-magħmudija aħna nissieħbu
   a) fil-ħidma tal-parroċċa.
   b) fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu.
   ċ) mal-kor tal-knisja.
   d) fil-Magħmudija ta' Ġwanni l-Battista.

8. Bil-magħmudija nsiru membri
   a) ta' l-iskola.
   b) tad-dar.
   ċ) tal-kappillan.
   d) tal-Knisja.

9. Fil-magħmudija n-nies li jkunu fil-knisja jgħidu 'le'
   a) lix-xitan u lill-ħażen kollu tiegħu.
   b) lill-ġenituri.
   ċ) lill-parrini.
   d) lit-tarbija.

10. Waqt il-magħmudija ta' Ġesù, Alla l-Missier instama' jgħid:
   a) "Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet."
   b) "Dan hu Ibni l-għażiż; Fih insib l-għaxqa tiegħi."
   ċ) "Qaddis, Qaddis, Qaddis. Mulej Alla ta' l-eżerċti."
   d) "Ikun minni skond kelmtek."

## F. Ikteb l-isem ta' dawn il-festi. (10 marki)

**Eżempju:**

Il-festa li tfakkarna meta twieled Ġesù **Il-Milied**

1. Il-festa ta' San Pietru u San Pawl ______________________
2. L-akbar festa tal-knisja ______________________
3. Meta tibda s-sena tal-knisja ______________________
4. Festa li fiha s-saċerdot jilbes l-abjad ______________________
5. Festa tal-Madonna ______________________
6. L-aħħar Ħadd tas-sena tal-knisja ______________________
7. Festa ta' qaddis jew qaddisa martri ______________________
8. Il-festa li biha jagħlaq żmien il-Għid ______________________
9. Festa li fiha obbligati nisimgħu l-quddies ______________________
10. Festa li tfakkarna meta miet Ġesù ______________________

## Ġ. Aqra sewwa din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet. (15-il marka)

Nhar ta' Sibt konna mmorru lejn ir-razzett taz-ziju Ġamri taħt l-irdum tal-Fawwara, biex nilagħbu fl-għalqa mal-kuġini.

"X'arja nadifa! Tħossha tiftaħlek il-pulmun! Fir-raħal qatt ma nħoss arja pura daqshekk. L-aktar meta jgħaddu ħafna karozzi jdaħħnu!" qalet oħti Silvja.

"Hawn veru tara l-ħolqien! Ara Filfla kemm hi sabiħa f'nofs ta' baħar," żied jgħid ħija Ġorġ.

Iz-ziju ħareġ fil-bieb tar-razzett. Hu kien jifraħ jarana mat-tfal tiegħu. Daqqa konna niġbru l-bajd, daqqa naqtgħu t-tadam u f'Settembru konna nimxu wara l-moħriet biex nirfsu l-patata. Wara, iz-zija Ċensa kienet tgħajtilna biex immorru nieklu. L-ikel taz-zija Ċens tgħidx kemm kien tajjeb, għax kien magħmul minn ħaxix frisk li jkun għadu kif inqata' mill-ħamrija.

Qabel nieklu, iz-ziju Ġamri kien jieqaf u jgħid l-Anġelus, jew kif kien jgħidilha hu, 'ta' nofs in-nhar.' Wara kien jgħid it-talba ta' qabel l-ikel u nibdew nieklu. Fl-istaġun tas-sajf konna nispiċċaw b'festa ta' frott.

Qabel nitilqu kienet tlestilna qoffa kbira biex niħduha d-dar. Fiha kien ikun hemm frott bnin u ħaxix frisk. Fil-wiċċ, fuq sarvetta nadifa biex ma jinkisirx, iz-zija Ċens kienet tpoġġi tużżana bajd. Meta kont ngħidilha "Grazzi," kienet tgħidli "Imbierka l-Providenza!"

1. F'din l-istorja hemm ħafna affarijiet sbieħ li tana Alla fil-ħolqien biex ingawduhom. Semmi **<u>TNEJN</u>** minnhom.

   ______________________________ ______________________________

2. Bit-tniġġiż aħna nħassru l-ħolqien. X'jissemma fl-istorja li kien qed iħassar il-ħolqien?

   ____________________________________________________________

3. Alla jrid li l-bnedmin jgħinuh fix-xogħol tal-ħolqien. Kif kien jgħin lil Alla z-ziju Ġamri?

   ____________________________________________________________

   ____________________________________________________________

4. Iz-ziju Ġamri kien jgħid it-talba ta' l-Anġelus. Kompli din it-talba:

   L-Anġlu t'Alla ħabbar lil Marija ________________________________

   Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ________________________________

   U l-Iben t'Alla sar bniedem ________________________________

5. Iz-ziju Ġamri kien jgħid talba qabel l-ikel. Ikteb talba biex tirringrazzja lil Alla tal-ġid li tak.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

6. Il-familja taz-ziju Ġamri hi familja tajba u tħobb lil Alla. X'hemm fl-istorja li jurina li z-ziju Ġamri kien iħobb jitkellem m'Alla?

______________________________________________

______________________________________________

## G. Kompli dawn is-sentenzi li ngħiduhom fit-talb. (10 marki)



**Eżempju**:
Fl-isem tal-Missier **u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu** s-Santu

1. Missierna ______________________________, jitqaddes ismek.
2. Kif kien fil-bidu issa u dejjem u ______________________________. Amen.
3. Qaddisa Marija Omm Alla, ______________________________ u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Amen.
4. Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ______________________________.
5. Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi iżda għid ______________________________ ______________ u ruħi tkun imfejqa.

## GĦ. Fisser dawn is-sentenzi li qal Ġesù. (10 marki)

1. "Jien ir-ragħaj it-tajjeb."

______________________________________________

______________________________________________

2. "Intom id-dawl tad-dinja."

______________________________________________

______________________________________________

## H. Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet dwar iż-żjara tal-Madonna lil Eliżabetta. (10 marki)



Meta l-anġlu ħabbar lil Marija li kellha tkun Omm Alla, hi tħawdet. L-anġlu raha titħawwad. Hu qalilha li l-qariba tagħha Eliżabetta ukoll kien se jkollha tarbija, avolja kienet mara xiħa. Imbagħad l-anġlu telaq. Marija ħasbet li Eliżabetta kellha bżonn min jgħinha. Għalhekk telqet u marret biex tgħinha xi ftit. Eliżabetta ferħet ħafna meta rat lil Marija. Hi kienet taf li Marija kienet se ssir omm Ġesù. Marija baqgħet magħha tliet xhur, tagħmlilha l-faċendi u tieħu ħsiebha. It-tifel ta' Eliżabetta kellu jkun dak li għammed lil Ġesù fix-xmara Ġordan.

1. Kompli s-sentenza kif Eliżabetta sellmet lil Marija.

   Imbierka inti ______________________________________________

   tal-ġuf tiegħek.

2. F'liema talba ngħidu din is-sentenza?

   ______________________________________________

3. Kif tista' tgħin inti lil min huwa fil-bżonn aktar minnek? Agħti **ŻEWĠ** eżempji.

   a) ______________________________________________

   b) ______________________________________________

4. Ikteb talba lill-Madonna li fiha turi l-bżonnijiet ta' sħabek.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

5. a) Min kien l-anġlu li ħabbar lil Marija li kellha tkun omm Alla? ______________

   b) Min kien it-tifel ta' Eliżabetta? ______________________________